MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Numru. 703/2004

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
JOSEPH CASSAR
ANTHONY ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Cassar, ta' 44 sena, bin Emanuel u Giovanna nee' Debattista, imwieled Qormi fil-21 ta' Gunju 1959, residenti fi 55, 'Mon Reve', Triq l-Ahwa Zammit, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 420959(M), u kif ukoll lil Anthony Zammit, ta' 42 sena, bin Joseph u Pauline nee' Fenech, imwieled Pieta' fis-6 ta' Mejju 1961, residenti fi 'Tonlil', Triq Sant' Antnin, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' numru 320761(M).

Fuq Talba tal-Kap Ezekuttiv tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahrig, akkuzati talli bejn Jannar 2003 u Lulju 2003, fil-

Hamrun, il-Mosta u fis-Swieqi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, haddmu lil Clint Debono (ID number 3079(M)), Roderick Vella (ID number 420585(M)), u Christian Galea (ID number 156982(M), u diversi persuni ohra minghajr id-dokumenti mehtiega skond kif stabbilit fl-Att Legali 110/93.

Billi huma akkuzati talli, u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) ghad-Detriment tal-Gvern ta' Malta, u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli bl-iskop li jakkwistaw xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, kemm ghalihom infushom jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam mal-Att dwar is-Servizzi Socjali xjentement jew bi traskuragni ghamlu dikjarazzjoni falza jew urew haga b'ohra; gabu jew taw, jew ikkagunaw jew gieghlu jew xjentement hallew illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienu jafu li kien falz f'haga materjali jew; bi frodi, naqsu li jirrapurtaw lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcevew il-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament u dan bi ksur tal-Artikolu 117 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala Principali, naqsu jew ittraskuraw li jhallsu xi kontribuzzjoni, li taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali ghandu jithallas dwar xi persuna mpjegata fl-impjieg tieghu, jew; li joqghod, dwar xi persuna bhal din, ghall-htigijiet ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali dwar il-hlas u l-gbir ta' kontribuzzjonijiet, u minhabba f'hekk, xi persuna tkun tilfet, ghal kollox jew parti minn xi beneficcju, pensjoni jew allowance il ghaliha kien ikollha dritt, dik il-persuna jkollha dritt li tigbor minghand il-principal bhala dejn civili somma

daqs l-ammont tal-beneficcju, pensjoni jew allowance hekk mitluf, jew dik is-somma li l-Qorti tista', meta tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz, tiddeciedi u dan bi ksur tal-Artikolu 124 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u Tahrig, taw xi taghrif li kienu jafu li hu falz f'xi punt importanti, jew minghajr ma jimpurtahom taw xi taghrif li jkun falz f'xi punt importanti; jew,  bil-hsieb li jingannaw, ippoducew, taw, baghtu jew xort'ohra ghamlu uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew, ghax iridu, irrifjutaw li jaghtu jew mighajr raguni legittima (li prova taghha hija ghal-kariga tal-Qorti) ma tawx, xi taghrif importanti, u dan bi ksur tal-Artikolu 48 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'hekk, Joseph Cassar sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fid-dati 6 t'Ottubru 1992, 18 ta' Frar 2000 u 28 ta' Lulju 2000.

Ukoll il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfligi l-ieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.  Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju u d-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Jannar 2006, fejn laqghet it-talba.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat Artiklu 49, 50, 308, 309, 310 tal-Kap 9, Artiklu 117 tal-Kap 318, Artiklu 48 tal-Kap 343, u Artiklu 22 tal-Kap 446, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin. Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni kemm tad-Difiza kif ukoll tal-Prosekuzzjoni, u rat l-istqarriji tal-imputat, qeghda tirrakkomanda illi l-imputati jzommu l-impjieg taghhom.

Di piu', irid jinghad illi l-imputati ma ghamlu l-ebda profitt ghalihom infushom u kienu qed '**jghinu'** lil impjegati taghhom sabiex dawn tal-ahhar jibqghu jidhru li qeghdin dizokkupati u ghaldaqstant, jibqghu jircievu l-flus tar-relief.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------